# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Rikors numru 1070/14 AF**

**Emanuel Ciantar f'ismu u f'isem Diane Ciantar**

**v.**

**HSBC Bank Malta plc**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li Emanuel Ciantar ipprezenta fis-26 ta' Novembru 2014, li jaqra hekk:

> "Illi din il-kawza qeghda ssir halli jigi kkontestat il-procedura illi saret tas-subbasta tal-garaxx Maxim Garage, Valletta Road, Qormi. Illi wara li kienet ottenuta l-liberazzjoni li hija nulla ghaliex ma gietx osservata l-procedura regolari skond il-Ligi l-Bank konvenut minkejja kollox hareg il-Mandat ta' Zgumbrament fil-11 ta' Settembru 2012 bin-Numru 1369/2012.
>
> "Illi l-esponenti qed jaghmel f'dan ir-rikors ghat-termini tal-Artikolu 281 tal-Kap.12. Illi l-esponenti ghamel rikors quddiem din il-Qorti li gie

assenjat lill-Imhallef li mhux qed jippresjedi l-kaz u dana kien l-iskop li jigi sospiz l-istess Mandat sakemm din il-kawza tigi maqtugha. Il-Qorti diversament preseduta b'digriet tas-17 ta' Novembru 2014, digriet moghti in kamera, cahdet it-talba fuq il-bazi li kienet diga` cahdet talbiet ohra ghal sospenzjoni, u zammet impregudikati d-drittijiet tal-esponenti skond il-kawza 565/13AF.

"Illi din ir-riserva tad-drittijiet bir-rispett kollu ma taghmilx sens. Jekk l-esponenti jigi zgumbrat mill-fond u l-Bank ibiegh l-istess fond lil terzi, x'rimedju se jkun hemm jekk mhux kumplikazzjonijiet iktar u Qrati illi ma jispiccaw qatt. L-esponenti ma jridx li jkun hemm kumpens imma jrid li l-post fejn jahdem u fejn ghandu l-azjenda tieghu jibqa' ghaddej. Huwa minn hawn li jaqla l-ghixien tieghu ghalih u ghal membri tal-familja.

"Illi r-raguni ghala qieghed isir dan ir-rikors hija bbazata fuq id-dritt illi la t-titlu mahluq bis-subbasta qed jigi kkontestat ghax huwa null u bla effett l-ezekuzzjoni ta' dak it-titolu tippregudika rremedjabilment lill-esponenti.

"Id-digriet li nghata fis-17 ta' Novembru 2014 huwa ta' pregudizzju rrimedjabbli u li gie deciz minghajr ebda smiegh xieraq u lanqas id-decizjoni nghatat fil-pubbliku.

"Illi l-argument legali principali huwa li b'dan il-mod qabel ma tigi deciza l-kawza 565/13AF l-esponenti jkun tnehhielu d-dritt illi fid-determinazzjoni tad-drittijiet tieghu civili ghandu dritt ta' smiegh xieraq quddiem Qorti …. Dan huwa l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"Jekk hemm decizjoni rrimedjabbli u d-dannu jkun ma jistax jittregga lura allura japplika dak li jghid l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni illi ma hemmx bzonn li jkun hemm il-ksur tal-Kostituzzjoni mbaghad wiehed jaghti d-danni bhala "cejca" ghaliex skond il-Kostituzzjoni taghna l-ewwel li hu mportanti u skond l-Artikolu 46 illi ma jkunx hemm vjolazzjoni. Bl-istess mod l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 (Konvenzjoni Ewropeja) jghid li kull persuna li tallega li xi wiehed mid-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali <u>jkun qed jigi jew ikun x'aktarx ser jigi miksur dwarha … titlob lil Prim Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju</u>.

"Illi dan hu dmir impost fuq il-Qrati kollha li huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

"Illi wiehed isaqsi x'utilita` ghandha jkollha s-sentenza ta' din il-Qorti kemm-il darba s-subbasta li qed tigi kkontestata jkollha l-effett taghha u tigi esegwita.

"Ghaldaqstant l-esponenti waqt li qed iqajjem dan l-argument ta' vjolazzjoni ta' drittijiet tieghu qieghed jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, wara li tiehu konjizzjoni tal-Atti li gia` hemm quddiemha fil-kawza precitata, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tirrevoka totalment jew in parti u cioe` ghallinqas fl-ezekuzzjoni mmedjata tieghu l-Mandat

riferit fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Emanuel Ciantar et bin-Numru 1369/12."

Rat ir-risposta tal-bank intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

"Illi qabel xejn jinghad li l-Bank intimat qieghed jaghti ruhu notifikat bir-rikors promotur u d-digriet ghaliex jidher li wara li din l-Onorabbli Qorti laqghatu provvisorjament ir-rikorrenti Ciantar bi traskuragni [jew volonta`] ma segwix in-notifiki.

"Illi permezz ta' rikors 26 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti Emanuel Ciantar pro et noe talab lil din l-Onorabbli Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap 12 *"tirrevoka totalment jew in parti cioe` ghallinqas fl-esekuzzjoni mmedjata tieghu l-mandat ta' zgumbrament tal-11 ta' Settembru 2012 numru 1369/2012."*

"Illi l-allegazzjonijiet ta' ksur ta' smiegh iridu jittiehdu fil-kuntest li dan huwa s-seba' [7] rikors li qed jipprezenta r-rikorrenti ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tal-mandat. S'issa gew michuda sitta [6] bl-ahhar rikors [ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni] ddegretat wara li din l-Onorabbli Qorti semghat il-partijiet f'udjenza appozita.

"Illi fil-qosor ir-rikorrenti issa qieghed itenni li f'kaz li l-mandat jigi esegwit qabel ma tigi deciza din il-kawza huwa jsofri ksur ta' drittijiet tieghu ta' smiegh xieraq.

"Illi r-rikorrenti jtenni wkoll li mill-workshop tieghu Maxkim Garage Valletta Road Qormi huwa jaqla l-ghixien tieghu.

"Illi kif se jintwera dawn mhux ragunijiet kontemplati mill-artikolu 281 tal-Kap 12.

"**1.0 Fatti tal-kaz**

"Il-fatti tal-kaz jistghu jingabru in succint kif gej:

> "**-** Illi Emanuel u Diane Ciantar huma debituri tal-Bank intimat versu s-somma ta' sebgha u hamsin elf, mitejn u tnejn u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu [€57,292.85] oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet liema somma giet kkannonizzat permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-28 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet HSBC Bank [Malta] plc vs Emanuel Ciantar et;
>
> "**-** Sallum mhux talli din is-somma ma thallsitx imma lanqas sar hlas akkont.

"- Illi l-fond mertu ta' dawn il-proceduri mhux residenza imma garaxx li nghata volontarjament mir-rikorrenti bhala garanzija li se jonora l-obbligi tieghu.

"- Illi l-bank qed ifittex jezegwixxi mandat ta' zgumbrament debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti wara li saret il-liberazzjoni fil-31 ta' Mejju 2012 tal-fond ossia garage maghruf bhala Maxkim Garage, gewwa Valletta Road, Qormi a favur l-istess bank u dan in segwitu tas-subbasta numerat 50/11 illi llum 'il gurnata dan il-garaxx jappartjeni lil bank u tali liberazzjoni giet insinwata mar-Registru Pubbliku fis-6 ta' Gunju 2013 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A).

"- Illi dan mhux l-ewwel tentattiv tar-rikorrent biex jisfratta ordni ta' din l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt Emanuel Ciantar ipprezenta rikors fit-30 ta' Mejju 2014 permezz ta' liema rikors l-intimat talab s-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tal-mandat izda liema rikors gie michud minn dina l-Qorti diversament ippreseduta permezz ta' digriet datat l-14 ta' Gunju 2013 [Dokument B].

"- Illi gimgha biss wara l-intimat mill-gdid ipprezenta rikors iehor din id-darba datat l-20 ta' Gunju 2013 fejn talab illi l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-digriet moghti fl-14 ta' Gunju 2013. Il-Qorti kienet iddekretat illi r-rikors ta' Emanuel Ciantar ma kienx fih mertu biex jissospendi l-esekuzzjoni tal-mandat u fejn di piu ordnat il-prosegwiment tal-esekuzzjoni tal-istess mandat [Dokument C].

"- Illi permezz ta' rikors iehor l-intimati irrilevaw l-istess premessi ta' dan il-mandat u cioe` illi fil-frattemp kienu infethu proceduri fl-ismijiet Emanuel Ciantar pro et nomine vs HSBC Bank Malta plc li ggib in-numru 565/13 sabiex il-liberazzjoni hawn fuq imsemmija tigi ddikjarata nulla u ghaldaqstant abbazi ta' dan il-fatt biss talab lil Onorabbli Qorti sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-mandat in vista tal-imsemmija kawza.

"- Illi nonostante dawn l-argumenti kollha da parte tal-intimati l-Qorti regghet cahdet mill-gdid it-talba tal-intimat Ciantar u dan permezz ta' digriet moghti fit-8 ta' Awwissu 2013 [Dokument D].

"- Illi l-intimat Ciantar permezz tar-rikors iehor tal-5 ta' Novembru 2014 ghall-darb'ohra ttenta a detriment kontinwu tad-drittijiet tal-bank esponenti jistultifika l-proceduri ta' zgumbrament u r-relattivi digrieti moghtija, b'dan li mill-gdid rega' ressaq l-istess argumenti gia` trattati minn din l-Onorabbli Qorti.

"- Illi permezz ta' digriet iehor ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tas-17 ta' Novembru 2014 [Dokument E] din il-Qorti cahdet it-talba ghas-sospenzjoni tal-mandat ta' zgumbrament ghaliex:

> *""Billi din il-Qorti gia **ddegretat diversi drabi** [emfazi mizjuda] illi ma hemm xejn li jostakola mill-prosegwiment tal-ezekuzzjoni tal-mandat, tichad it-talba bla pregudizzju ghad-drittijiet tad-debitur fil-kawza civili 565/13."*

"**-** Illi permezz ta' rikors datat 28 ta' Novembru 2014 ir-rikorrenti talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-Bank intimat jigi inibit milli jesegwixxi l-mandat ta' zgumbrament fuq imsemmi.

"**-** Illi permezz ta' digriet tat-18 ta' Dicembru 2014 [Dokument F] din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba ghaliex, inter alia:

> *""il-procedura ta' Mandat ta' inibizzjoni ma tistax tigi uzata biex tistultifika jew iggib fix-xejn sentenza finali pronunzjata minn dan il-Qrati flimkien mal-ezekuzzjoni taghha."*

"**-** Illi a skans ta' repitizzjoni dan huwa rikors fieragh u vessatorju intiz biss biex Emanuel Ciantar jirbah iktar zmien favur tieghu u jkompli jtawwal il-proceduri legittimi sabiex il-Bank kreditur ikun jista' jissalda l-ammonti dovuti lilha mill-istess intimati.

"**2.0 Xi kunsiderazzjonijiet legali**

"Illi l-Artikolu 281 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa intiz sabiex jieqfu l-abbuzi li jsiru min-nies bhar-rikorrenti Ciantar li jipprezentaw numru ta' rikorsi u kawzi sabiex jharbtu l-process legali billi inter alia jaraw li tali rikorsi jigu pprezentati quddiem diversi gudikanti.

"Illi huwa llum pacifiku li l-proceduri taht l-Artikolu 281 jridu jkunu fuq il-mandat stess u mhux fuq xi att antecedenti jew konness mal-mertu.

"Illi kif osservat din il-Qorti kif presjeduta fid-decizjoni *Ludwig Limited v. Philip George Degiorgio et*[1]:

> *""[ir-rimedju] kontemplat fl-Artikolu 281 hu mmirat ghall-istronkar tal-att ezekuttiv innifsu … **u dan minhabba mankanza fl-att ezekuttiv innifsu u mhux minhabba xi kontestazzjoni fuq il-mertu** (ara Edward Pace v. Michael Sultana, Prim'Awla, 05.05.2005) [emfazi mizjuda]."*

"Illi l-fatt gie kostantement ritenut illi l-artikolu 281 ma jippermettix lid-debitur li jerga' jiftah berah il-mertu tal-kawza u ghalhekk l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata ghall-*att ezekuttiv* [f'dan il-kaz, il-mandat ta' zgumbrament] dwar liema din l-Onorabbli Qorti diga` ppronunzjat ruhha (bid-digriet tal-14 ta' Gunju 2013):

> *""Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per*

[1] Ludwig Limited vs Degiorgio Philip George et, Prim'Awla, 12.07.2012

> *ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju.*
>
> *"Illi, fil-qofol tal-kwistjoni, jirrizulta li bejn il-partijiet ghad hemm kontestazzjoni dwar jekk it-titolu ezekuttiv li bis-sahha tieghu nhareg il-Mandat impunjat ghadux fis-sehh.*
>
> *"Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, sakemm ikun hemm provvediment gudizzjarju dwar dan, jew sakemm ma jirrizultax minn dokument jew fatt maqbul bejn il-partijiet li jipprova t-twettieq jew l-estinzjoni tat-titolu, tali titolu ezekuttiv ikollu jitqies li ghadu fis-sehh.*
>
> *"Illi l-Mandat – li huwa att ezekuttiv – inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv ghadu fis-sehh. Mad-daqqa t'ghajn, jidher li l-Mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu u certament inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati.*
>
> *"Illi, ghalhekk, lill-Qorti ma jirrizultalhiex li hemm raguni tajba biex l-istess Mandat jigi attakkat.[2]"*

> "Illi r-rikorrenti Ciantar lanqas indenja ruhu jghid x'difett ghandu l-att ezekuttiv attakkat.
>
> "B'kull rispett, il-Bank intimat huwa l-proprjetarju tal-garaxx li minnu qed jintalab li jigi zgumbrat ir-rikorrenti u llum 'il gurnata qieghed jokkupa l-istess garage b'mod abbuziv u llegali. Dan l-istat ta' llegalita` ma jistax jitqies bhala jedd li ghandu r-rikorrenti kif kontemplat mill-artikolu 281 tal-Kap 12. Ikun legalment assurd li debitur jkun jista' jwaqqaf l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv sempliciment ghaliex ikun fetah kawza ghaliex f'dak il-kaz l-ebda sentenza ma tkun qatt tista' tigi esegwita.
>
> "Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bank esponenti umilment jissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u jigu ddikjarati bhala frivoli u vessatorji, bl-ispejjez kontra tieghu."

Rat id-decizjoni li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' April 2015, li biha cahdet definittivament it-talbiet ta' Emanuel Ciantar kontenuti fir-rikors tieghu tas-26 ta' Novembru 2014, bl-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrent;

[2] Edward Pace v. Michael Sultana, Prim'Awla, 05.05.2005; Ara wkoll Emanuel Vella v. Lloyds' Malta Limited et, Prim'Awla 30.10.2003

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Ikkunsidrat illi permezz ta’ dan ir-rikors Emanuel Ciantar qieghed jitlob lil din il-Qorti tissospendi l-esekuzzjoni ta’ mandat ta’ zgumbrament mahrug fil-konfront tieghu minn HSBC Bank (Malta) plc li favur tieghu gie liberat il-garage mertu ta’ din il-procedura, dan wara procedura ta’ subbasta.
>
> “Innotat illi r-rikors odjern huwa s-seba’ tentattiv tar-rikorrenti biex jissospendi l-proceduri ezekuttivi fil-konfront tieghu. Fit-tentattivi kollha precedenti t-talbiet tieghu kollha gew michuda.
>
> “Ikkunsidrat illi l-Art. 281 tal-Kap.12 jipprovdi illi:
>
> > *““Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista’ tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista’ tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f’parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.”*
>
> “Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Ludwig Limited vs Degiorgio Philip George et (12 ta’ Lulju 2012) irriteniet illi:
>
> > *““[ir-rimedju] kontemplat fl-artikolu 281 hu mmirat ghall-istronkar tal-att ezekuttiv innifsu … **u dan minhabba mankanza fl-att ezekuttiv innifsu u mhux minhabba xi kontestazzjoni fuq il-mertu** (ara Edward Pace v Michael Sultana, Prim Awla, 05.05.2005) [emfazi mizjuda].”*
>
> “Fil-kawza citata Pace vs Sultana (5 ta’ Mejju 2005) il-Qorti spjegat:
>
> > *““Illi l-ligi ma tghidx x’tista tkun “raguni valida skond il-ligi”, li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista’ jinghad li mandat jista’ jsir biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f’liema cirkostanzi jista’ jintalab il-hrug ta’ kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b’reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta’ l-kawza prezenti m’huwiex Mandat kawtelatorju.”*
>
> “Il-Qorti tirreferi inoltre ghal Vella vs Lloyds’ Malta Limited (30.10.2003).
>
> “Ebda difett ma gie allegat fil-mandat mertu ta’ din il-procedura. Il-lanjanzi tar-rikorrenti kollha jirreferu ghal allegati nuqqasijiet fil-procedura ta’ subbasta li minnha gie liberat il-fond favur il-Bank HSBC. It-talbiet tieghu fir-rigward jibqghu ghalhekk impregudikati, kif anki ddegretat il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta’ Novembru 2014:

> *""Billi dina l-Qorti già ddegretat diversi drabi illi ma hemm xejn x'jostakola mill-prosegwiment tal-ezekuzzjoni tal-mandat, tichad it-talba bla pregudizzju tad-drittijiet tad-debitur fil-kawza civili 565/13."*

"Din il-Qorti hi tal-istess fehma."

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … tirrevoka d-decizjoni moghtija b'digriet tal-15 ta' April 2015 fl-ismijiet premessi u minflok jintlaqghu t-talbiet tal-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Bank Intimat."

Rat ir-risposta tal-appell tal-bank intimat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi b'din il-procedura r-rikorrenti talab ir-revoka, totalment jew in parti, ghallinqas fl-ezekuzzjoni immedjata tieghu, tal-Mandat ta' Zgumbrament li ottjena l-bank intimat wara li bi procedura ta' subbasta akkwista *garage* tar-rikorrent f'Hal Qormi. It-talba saret a bazi tal-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet wara li osservat li, a bazi ta' dak l-

artikolu, mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.

Ir-rikorrent appella u jissottometti li din ir-restrizzjoni ghall-aspett formalistiku ma tezistix fil-ligi.

Trattat l-appell, din il-Qorti tirrileva, fl-ewwel lok, li inkwantu t-talba tar-rikorrent saret ghar-revoka *"fl-esekuzzjoni immedjata"* (sic) tal-mandat, it-talba ma tinkwadrax ruhha fit-termini tal-Artikolu 281 imsemmi li titkellem biss fuq talba biex l-att ezekuttiv *"<u>jithassar</u> jew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi"*. Is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni ta' mandat mhux kontemplat f'dan l-artikolu. F'kull kaz, id-digriet relattiv li inghata marbuta ma' din it-talba mhux appellabbli, fid-dawl ta' dak li qalet din il-Qorti fil-kawza **GO plc v. Zammit** deciza fid-29 ta' Mejju 2015, fis-sens illi *"ir-regola generali hija illi ma jinghatax appell minn dikriet hlief fejn id-dritt ta' appell jinghata espressament taht l-Artikolu 229"* tal-imsemmi Kap. 12. Id-digriet inkwistjoni mhux digriet interlokutorju kif kontemplat f'dan l-artikolu.

Inkwantu t-talba ghar-revoka tal-mandat giet michuda, f'dan il-kaz hemm appell kif jinghad fl-Artikolu 281(4) tal-imsemmi Kap. 12. Dak l-artikolu, pero`, jaghti fakolta` ghat-thassir tal-<u>att</u> ezekuttiv, u mhux tat-<u>titolu</u> ezekuttiv li jaghti lok ghall-hrug tal-mandat. Fi kliem iehor, meta

ssir talba taht dak l-artikolu, l-ilment irid ikun indirizzat lejn il-mandat innifsu u mhux lejn x'wassal ghall-hrug tieghu. L-att ezekuttiv ma jistax jithassar minhabba allegat difett fit-titolu ezekuttiv. Kif tajjeb osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Pace v. Sultana**, deciza fil-5 ta' Mejju 2005, li kienet titratta minn talba ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv:

> *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi xelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-meritu nnifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg."*

Ir-rikorrent, f'dawn il-proceduri, mhux qed jattakka l-mandat innifsu, pero`, qed jallega difett fil-procedura ta' subbasta li biha, il-bank intimat xtara l-*garage* inkwistjoni. Il-Mandat issa attakkat hu validu u mhux allegat li fih xi difett.

Inkwantu li saret referenza ghall-ekwita`, peress illi r-rikorrenti jaqla x'jiekol mill-hidma tieghu minn go dan il-*garage*, il-Qorti tirrileva li kien l-istess rikorrent li offra dan il-fond bhala garanzija ghas-self li talab u inghata mill-bank intimat, u tul is-snin twal li l-bank ilu jithabat biex jigbor flusu, l-istess rikorrent qatt ma ghamel hlas ikkondizzjonat akkont tas-somma ta' madwar €60,000 li ghandu jaghti. Meta tqis id-diversi tentattivi li r-rikorrent ghamel biex jipprova jzomm lill-bank milli jiehu lura

flusu, din il-Qorti tqis li r-rikorrent qieghed verament jabbuza mil-ligi, u flok jirreklama ghall-ekwita` ghandu jara li jerfa' r-responsabbiltajiet tieghu li volontarjament dahal ghalihom.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tar-rikorrent Emanuel Ciantar pro et noe billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez relatati ma' din il-procedura jithallsu mill-istess rikorrenti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur

ld